**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Illum, 12 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Ġuramentat Nru: 134/22 AL**

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] ippreżentat mill-attriċi li *in forza* tiegħu wara li ppremettiet:

1. *Illi l-partijiet, A B, detentriċi tal-karta tal-identita` numru X u C D detentur tal-karta tal-identita` numru X kellhom relazzjoni u li minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri E D ċertifikat hawn anness bħala* ***'Dok. A'****;*

[1] Fol 1

2. *Illi l-ħajja bejn il-kontendenti saret impossibbli minħabba f'inkompatibbilita` ta' karattru, kif ukoll minħabba f'serviġi, theddid u inġurja gravi da parti tal-intimat li fil-preżent hemm proċeduri kriminali fil-konfront tal-intimat;*

3. *Illi skond id-digriet datat tat-13 ta' Ottubru 2020 fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni 20/20 hemm mniżżel id-dritt tal-aċċess tal-missier. Liema digriet mhux qed jimxi miegħu l-intimat u saħansitra l-intimat ikun taħt l-influwenza tal-alkolhol meta jkollu lill-minuri. Digriet hawn anness bħala '**Dok. B**';*

4. *Illi permezz tad-digriet datat tal-25 ta' Marzu, 2021 fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni 200/21 hemm mniżżel il-manteniment li l-intimat irid jgħaddi lill-attriċi għal minuri. Digriet hawn anness bħala '**Dok C**';*

5. *Illi l-minuri jbatti bl-aċċessjoni (ċertifikat ser ikun preżentat aktar 'l quddiem) u għalhekk il-minuri għandi bżonn li l-intimat /missieru jkun attent il-ħin kollu.*

6. *Illi l-esponenti ġiet awtorizzata illi tintavola dawn il-proċeduri permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju, tas-sena elfejn u għoxrin (2022), li jinsab mal-preżenti anness u mmarkat bħala '**Dok.D**';*

7. *Illi r-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u għalhekk kellha ssir din il-kawża bl-ispejjeż kontra l-intimat;*

***<u>Raġuni tat-Talba</u>:***

*Ir-rikorrenti tikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li taf hija personalment:*

1. *Illi l-partijiet, A B detentriċi tal-karta tal-identita` numru X u C D detenitur tal-karta tal-identita` numru X kellhom relazzjoni u li minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri E D ċertifikat hawn anness bħala '**Dok. A'**;*

2. *Illi l-ħajja bejn il-kontendenti saret impossibli minħabba f'inkompatibbilita` ta' karattru, kif ukoll minħabba f'serviġi, theddid u inġurja gravi da parti tal-intimat li fil-preżent hemm proċeduri kriminali fil-konfront tal-intimat;*

3. *Illi skond id-digriet datat tat-13 ta' Ottubru 2020 fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni 20/20 hemm mniżżel id-dritt tal-aċċess tal-missier. Liema digriet mhux qed jimxi miegħu l-intimat u saħansitra l-intimat ikun taħt l-influwenza tal-alkolhol meta jkollu lill-minuri. Digriet hawn anness bħala '**Dok. B'**;*
4. *Illi permezz tad-digriet datat tal-25 ta' Marzu, 2021 fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni 200/21 hemm mniżżel il-manteniment li l-intimat irid jgħaddi lill-attriċi għal minuri. Digriet hawn anness bħala '**Dok C'**;*

5. *Illi l-minuri jbatti bl-aċċessjoni (ċertifikat ser ikun preżentat aktar 'l quddiem) u għalhekk il-minuri għandi bżonn li l-intimat /missieru jkun attent il-ħin kollu;*

6. *Illi l-esponenti ġiet awtorizzata illi tintavola dawn il-proċeduri permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-24 ta' Mejju, tas-sena elfejn u għoxrin (2022), li jinsab mal-preżenti anness u mmarkat bħala '**Dok.D'**;*

7. *Illi r-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u għalhekk kellha ssir din il-kawża bl-ispejjeż kontra l-intimat;*

*Talbiet:*

*Għaldaqstant jgħid għalhekk l-intimat għaliex m'għandhiex:*

1. *Illi jiġi sospiż id-digriet mogħti tat-13 ta' Ottubru, 2020*
2. *Illi kull aċċess tal-missier irid isir tramite APPOĠĠ.*

*Bl-Ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda u l-lista ta' d-dokumenti eżebiti mar-rikors ġuramentat tal-attriċi[2];

Rat il-verbal tal-11 ta' Ottubru 2022 fejn jirriżulta li l-konvenut ġie debitament notifikat skont il-liġi izda ma ppreżentax risposta u għalhekk huwa kontumaċi f'din il-kawża. Mill-istess verbal jirriżulta wkoll li Dr Maria Dolores Gauci ġiet maħtura bħala Assistent Ġudizzjaru;

Rat il-verbali kollha;

Rat id-dokumenti illi ġew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-proċediment.

Rat id-Digriet tal-11 ta' Awwissu, 2023

Rat in-nota tal-attriċi fejn in ottemporat ruhha mad-Digriet tal-11 ta' Awwissu, 2023;

Rat l-affidavit tal-attrici A B u d-dokumenti eżebiti mal-affidavit tagħha[3];

[2] Fol 3
[3] Fol 18

Rat ir-rikors tal-attriċi tad- 29 ta' Settembru, 2022 fejn talbet lil Qorti sabiex tvarja id-digriet dwar l-aċċess fis-sens li l-aċċess tal-konvenut vis-a-vis ibnu jibda jsir taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ u dan għar-raġunijiet mogħtija fl-istess rikors;

Rat id-Digriet tagħha tat- 30 ta' Settembru 2022 fejn ordnat n-notifika tal-konvenut b'terminu ta' ħamest ijiem għar-risposta;

Rat id-Digriet taħgha tal-31 ta' Ottubru, 2022, rat li l-konvenut debitament notifikat ma weġibx u ordnat lid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal sabiex jinvestiga l-każ u jirrelata lura lill-Qorti dwar it-talba tal-attriċi *ai termini* tar-rikors tagħha tad- 29 ta' Settembru, 2022;

Rat ir-Rapport tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal ippreżentat fid- 9 ta' Mejju, 2023;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża b'talba magħmula mill-omm għall-varjazzjoni ta' digriet (datat 13 ta' Ottubru 2020 li jinsab in atti[4]), li

[4] Fol 5 mmarkat bħala Dok B.

jirregola l-aċċess tal-missier konvenut, *vis-a`-vis* ibnu l-minuri. Skont dan id-Digriet il-konvenut għall-ibnu l-minuri E D (datat tat-twelid20 ta' Lulju, 2016) huwa regolat kif ġej:

- kull nhar ta' Tlieta u Ħamis mit-3.00 pm sas- 6.00 pm;
- Kull *weekend* b'mod alternattiv ikun hemm *sleepover* darba mill-Ġimgħa fit-3:30 pm sas-Sibt fit-3:30 pm u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt sal-Ħadd fl-istess ħinijiet;
- F'Jum il-Missier il-minuri jqatta' l-ġurnata ma' missieru mill-10:00 am sas-7:00pm, u f'Jum l-Omm il-minuri jqatta' l-istess ħin mal-omm anke jekk jinzerta jum l-aċċess tal-missier;
- F'għeluq snin il-missier, il-minuri jqatta' l-jum ma' missieru mill-10:00 am sas- 7:00 pm u f'għeluq snin l-omm il-minuri jqatta' l-istess ħin ma' ommu anke jekk jinzerta jum ta' aċċess.
- Fil-Milied u fl-Ewwel tas-Sena, l-aċċess tal-missier isir b'mod alternat, l-ewwel sena l-minuri jqatta' l-Milied ma' missieru mis-6:00 pm ta' Lejliet il-Milied sas-6:00 pm ta' Jum il-Milied u jqatta' l-Ewwel tas-Sena mal-omm mis-6:00 pm ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena sas-6:00pm ta' Jum l-Ewweel tas-Sena u vice versa is-sena ta' wara.

Permezz ta' din l-azzjoni, l-attriċi omm qed titlob is-sospensjoni ta' din il-modalita` tal-aċċess u dan abbażi tal-allegazzjonijiet li jirriżultaw mir-rikors ġuramentat tagħha, u ċioe` l-allegazzjonijiet li l-missier konvenut mhuwiex qed jimxi mad-Digriet suċċitat u li *in oltre`* jkun taħt l-infuwenza tax-xorb meta jkollu lil minuri miegħu. Abbażi ta' dawn l-allegazzjonijiet l-attriċi qed titlob li minflok l-aċċess tal-konvenut ikun superviżjonat mill-Appoġġ.

**<u>Il-VERŻJONI TAL-ATTRIĊI</u>**

L-attriċi xehdet permezz ta' Affidavit[5], fejn esebiet sensiela ta' ritratti[6]. Fl-Affidavit tagħha tispjega kif iltaqgħu u kif ħarġet tqila wara ftit xhur. Ssostni li fl-ewwel sentejn kienet taf li l-konvenut kine jixrob iżda ma kenitx taf li kellu vizzju gravi. Ssostni li minħabba d-dejn li kellu kienu anki jiġu jħabbtulha l-bieb u minn hemm bdiet tiskopri ċertu affarijiet fuq il-konvenut. Fl-affidavit pero tgħid li anke qabel ma ħarget tqila kien hemm żewġ episodji meta kien aggressiv u vjolenti, u li malli sar jaf li kienet tqila akkuzaha li t-tarbija ma kienx tiegħu.

"*fil-fatt qattajt it-tqala waħdi u meta avżjatu li kont ser inwelled, kien ġie l-isptar jara t-tarbija fis-sakra u anke dak inhar tal-magħmudija kien fis-sakra.*
*C dejjem jakkużani li jien qed inċaħdu mit-tifel, imma jien li kont qed nagħmel li ma ntih it-tifel meta jkun fis-sakra. Fl-ewwel sentejn mit-twelid ta'(sic tat-) tifel kont immur nurih lit-tifel E sabiex navvicinahom u sabiex jieħu responsabbilta`tiegħu bħala missier. Bħala manteniment kont iktar ma nieħux milli nieħu u qatt ma kien jagħtini l-manteniment kollu kif suppost għax dejjem bla flus jew bla xogħol.*

*Meta kont immur inwassal lit-tifel għand ommu fejn kien jgħix dik il-ħabta kien kollox imur tajjeb. Pero` meta f'Marzu ta' 2021 meta ħareġ id-digriet tal-manteniment C kien beda joħroġ ma tfajla u kien beda jieħu lit-tifel ġo djar ta' nies barranin. F'dan il-perjodu kont mmur nagħti lit-tifel lil C ħdejn l-Għassa ta' Bormla dejjem kif kien ried C u kien jgħaddili l-manteniment."*

[5] Fol 19 sa 20
[6] Fol 21 sa 45 mmarkati Dok RG 1 sa RG 25

L-attriċi tilmenta li wara l-aċċess it-tifel kien ikollu riha ta' sigaretti, u dan iktar u iktar f'dawk id-drabi li kien ikollu sleepover li kienet tispiċċa jkollha tieħu lit-tifel għand tabib għax kien jispiċċa marid. Tikkonkludi l-Affidavit tagħha billi tgħid li l-konvenut ma kienx jżomm ma' dak ordnat fid-digriet fuq manteniment, u li minn April 2022 s'issa (u ċioe d-data tal-preżentata tal-affidavit) kienet tmur ħdejn l-Għassa, iżda ssostni li l-konvenut ma kienx jġi biex jeżerċita l-aċċess, f'dan is-sens esebiet ir-ritratti mmarkati Dok KG 1 sa KG 25 u tikkonkludi billi tgħid li f'dan il-perjodu ma ħallasha l-ebda manteniment.

Il-Qorti tirrileva li f'din il-kawża m'hemm ebda pretensjoni jew talba fuq il-manteniment u kwalunkwe kull referenza m'għandha l-ebda rilevanza għall-istess mertu tat-talbiet.

Il-Qorti rat ir-ritratti esebiti li jidhru li ttieħdu viċin it-tlieta ta' waranofsinhar jew ftit wara. Huma *still shots* tas-sitwazzjoni fattwali barra dak li jidher li hu l-Għassa li tirreferi għalih l-attriċi fl-Affidavit tagħha.

**<u>Provi</u>**

Apparti l-affidavit u r-ritratti esebiti mill-attriċi, l-attriċi ppreżentat rikors *pendente lite* b'talba għall-varjazzjoni tal-aċċess. Il-konvenut ma ppreżentax risposta u l-Qorti ordnat lid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal jinvestiga dan il-każ sabiex tkun f'posizzjoni tirrelata fuq it-talba tal-attriċi.

Id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal ippreżenta nota[7] bir-Rapport (immarkat Dok GS) kif ordnat mill-Qorti.

Mir-rapport jirriżulta li d-Direttorat iltaqa' maż-żewġ partijiet.

Mill-laqgħa li kellu d-Direttorat mal-attriċi ħareġ is-segwenti:

- Allegat li ġieli kien hemm drabi meta l-konvenut kien fis-sakra waqt l-aċċess u li kaġun ix-xorb eċċessiv tiegħu kellu jagħti flus lil terzi, fejn allegat ukoll li wħud minnhom marru jħabtulha l-bieb tagħha biex jitolbuha flushom;
- Semmietilhom l-istess allegazzjoni li jirriżulta fl-afidavit taggħha rigward id-daqqa li ta l-bieb tal-karozza tagħha u kkaġunalha xi ħsara.
- Rigward l-aċċess li ma jzżommx mad-Digriet – għax jew jittardja (u konsegwentment kien jagħmlilha rapport meta jasal u ma jsibhiex hemm tistenna) jew ma jmurx.
- Li minn Frar 2022 waqaf imur għall-aċċess;
- Rigward id-drabi meta eżerċita l-aċċess, il-konvenut kien jgħid ċeru diskors lill-minuri bħal per eżempju li l-attriċi mhijiex ommu; jew li jkun iktar kuntent jekk jarah jirrisjedi f'residenza ta' kura alternattiva u li ma jieħux hsieb sew il-minuri – eżempju ma kienx jibdillu l-ħarqa;

Mill-laqgħa li kellu d-Direttorat mal-konvenut li huwa kontumaċji f'dawn il-proċeduri ħareġ is-segwenti:

- Ta il-verżjoni tiegħu fuq l-inċident allegat mill-attriċi rigward il-bieb tal-karozza tagħha, fejn qal li hi kienet ser ttajru;
- Allega li l-attriċi kienet vjolenti fil-konfront tigħu u semma' inċident fejn spiċċa kellu jagħmel ħmistax il-punt;
- Jallega li l-iskop tal-omm biex l-aċċess tiegħu jseħħ bi superviżjoni sabiex hekk ma jkunx jista' jkollu *sleepovers*;

[7] Ippreżentat fid-9 ta' Mejju, 2023 Dok GS

- Li kien ilu ma jara lit-tifel għall-iktar minn sena u li r-rapporti mal-pulizija jagħmilhom darba fix-xahar għad-drabi kollha ta' dak ix-xahar.
- Li l-minuri ma jkunx irid jitlaq meta jkun miegħu għall-aċċess;
- Allega li l-omm kienet tmur l-għassa li huwa l-meeting point għall-aċċess qabel il-ħin;
- Li esprima x-xewqa li jara lil ibnu anke jekk taħt superviżjoni, kwalunkwe ġurnata bejn it-Tnejn u nhar il-Ħamis mis-6pm 'il quddiem, minħabba li fil-weekends ikun impenjat fuq ix-xogħol. Talab li l-aċċess ma jseħħx ġewwa Bormla biex ma jgħarfuhx nies li jafuh u li minflok iseħħ ġewwa l-*family park* ta' Marsascala.

**<u>Konklużjonijiet u Rakkomandazzjoniiet tad-Direttorat</u>**

In vista tal-fatt li ż-żewġ partijiet għamlu allegazzjonijiet kontra xulxin u d-direttorat ma kellux mod kif jipprova l-istess għaliex anki r-ritratti li wriethom l-attriċi ovvjament ma jurux x'gara qabel u wara li ttieħdu, u ladarba l-konvenut ma kellux oġġezzjoni li l-aċċess tiegħu ikun taħt superviżjoni, is-social workers ipproponew is-segwenti:

1. L-aċċess bejn is-Sinjur D u l-minuri E jibda jseħħ darbtejn fil-ġimgħa taħt superviżjoni tal-professjonisti mid-Direttorat għall-Kura Alternattiva;
2. L-aċċess iseħħ ġewwa l-binja tal-Appoġġ għall-ewwel erba' darbiet, u jekk ma jkunx hemm problemi l-aċċess jimxi għall-family park ta' Marsascala;
3. Wara sitt xhur li s-Sinjur D ikun ilu jkollu aċċess mal-minuri b'superviżjoni, il-modalita` tal-aċċess jerġa' jiġi rivedut.

Il-Qorti tinnota li dan ir-rapport ġie ppreżentat fid-9 ta' Mejju, 2023, u mill-atti ma jidihirx li xi ħadd mill-partijiet ippreżenta nota ta' sottomissjonijiet kif kienu

debitament awtorizzati jagħmlu ai termini ta' dak akkordat mill-Qorti fid-9 ta' Marzu 2023.

In oltre il-Qorti tinnota li hija sprovvista mill-verżjoni tal-attur peress li huwa kontumċji f'dawn il-proċeduri u qatt ma deher għas-seduti quddiemha. Kulma għandha l-Qorti hija r-rapport tad-Direttorat fejn ta' l-inqas kien hemm il-kooperazzjoni tal-konvenut li aċċetta li l-aċċess ikun taħt superviżjoni.

**PRINĊIPJI LEGALI**

L-azzjoni hija limitata fuq talba għal sospensjoni ta' digriet li ngħata fl-atti tal-medjazzjoni. Fl-istess waqt qed jintalab varjazzjoni tad-digriet in kwistjoni u ċioe dak tat- 13 ta' Ottubru, 2020 fejn minflok l-aċċess akkordat lil-konvenut jinbidel għal dak bi superviżjoni. Għalhekk f'din il-kawża l-Qorti m'għandhiex quddiemha is-soliti talbiet sabiex jiġi regolat il-kura u l-kustodja u manteniment, iżda sempliċiment talba għal varjazzjoni ta' digriet fuq l-aċċess.
Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk"

"*B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi,* ***il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"***

In tema legali ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud[8] fejn il-Qorti emfasizzat li fejn jidħlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni

[8] Deċiża mill-qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014.

assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jagħti l-poter lill-Qorti tagħti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."

Il-Qorti tfakkar li l-Qorti għandha l-obbligu li tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri u mhux dak li jixtiequ jew jitolbu l-ġenituri. Filwaqt li l-Qorti dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa l-interess suprem tal-minuri, hekk kif ġie delinejat fis-sentenzi tal-Qrati tagħna fosthom:
Susan Ellen Lawless vs II Reverendo George Lawless[9]; Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli[10]; Sylvia Melfi vs Philip Vassallo *" ...the Court should seek at all times the best interests of the child irrespective of the allegations true or false, made agaisnt each other by the parties ..."*[11]

**Ikkunsidrat:**

Hija l-fehma tal-Qorti li anke in vista tal-fatt li l-konvenut aċċetta li l-aċċess tiegħu jseħħ taħt superviżjoni, hemm tama li l-konvenut jixtieq jimmeljora s-sitwazzjoni fejn si tratta l-minuri u hemm tama li bil-mod il-mod jidħol fiż-żarbun ta' missier, u għadaqstant il-Qorti tħoss li hemm tama li l-missier irid jippartecipa f'ħajjet il-minuri.

Il-Qorti tirribadixxi illi l-minuri għandu d-dritt li jgawdi kemm lil omm u kif ukoll lil missier, u m'għandux jiġi mċaħħad minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Fil-każ odjern il-Qorti tara li ħadd mill-partijiet ma ppreżenta nota ta' sottomissjonijiet kif ġew debitament awtorizzati mill-Qorti biex jagħmlu, u ladarba ħadd minnhom ma ressaq xi rikors wara li d-Direttorat

[9] Deċiża mill-Prim ' Awla tal-Qorti Ċivili 8 ta' Diċembru, 1858
[10] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju, 2003 Ċit. Nru. 2668/1996/2 RCP
[11] Qorti tal-Appell 25.11.1998

ippreżenta r-rapport tiegħu bir-rakkomandazzjonijiet fuq l-aċċess superviżjonat tal-konvenut, il-Qorti tifhem li llum il-kwistjoni hija sorvolata u f'dan l-istadju l-aċċess ser jiġi regolat skont ir-rakkomandazzjonijiet tad-Direttorat u ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tara illi fiċ-ċirkostanzi odjerni ikun xieraq illi l-każ jkompli jiġi segwit mid-Direttorat fejn il-professjonisti konċernati għandhom jirrelataw kull sitt xhur fuq il-progress irreġistrat mill-missier vis-a-vis l-aċċess tiegħu ma' ibnu .

**DECIDE**

Għalhekk, u għar-raġunijiet kollha msemmija il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi fil-kontumaċja tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi bil-mod hawn premess b'dan illi:

1) Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi b'mod provviżorju;

2) Tilqa' it-tieni talba tal-attriċi taħt is-segwenti kondizzjonijiet u ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta tordna kif ġej: Fiċ-ċirkostanzi, tornda komunika ta' din is-sentenza lid-Direttorat Għall-Ħarsien tat-Tfal fejn il-professjonisti konċernati għandhom jkomplu jsegwu dan il-każ u dan in vista tar-rapport tagħhom datat 9 ta' Mejju 2023. Id-Direttorat għandu jsegwi l-progress *o meno* reġistrat mill-missier konvenut, u d-Direttorat għandu jagħti r-rakkomandazzjonijiet kollha meħtiega fl-interess suprem tal-minuri E D. Jekk ikun mistħoqq l-aċċess għandu jiġi rivedut għal dak li jista' jibbenfika iktar minnu l-minuri E D. *In oltre*` l-partijiet għandhom jattendu kors ta' *co-parenting.* Fl-eventwalita li jiġi reġistrat progress favur il-konvenut fis-sens li ma jkunx hemm aktar il-ħtieġa li d-digriet tat-13 ta' Ottubru, 2020 jibqa' sospiż, id-Direttorat għandu jirrelta

f'dan is-sens sabiex ikunu jistgħu jittieħdu dawk il-passi neċessarji u opportuni fl-interess suprem tal-Minuri.

Bl-Ispejjeż, jiġu sopportati mill-konvenut.